MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru. 234/2002

**Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Francis Scicluna**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Scicluna ta’ 52 sena, iben Emanuel (mejjet) u Giuseppa nee’ Farrugia, imwieled fis-27 ta’ April 1949, Marsa u residenti 112, Triq Emanuel Attard, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita’ numru 391449(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’ dawn il-Gzejjer gewwa Santa Venera u f’ diversi inhawi ohra, nhar is-6 ta’ Awwissu 2001 u d-diversi xhur ta’

qabel, b’ diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamel kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja, f’ Malta jew minn Malta, minghajr ma kellu licenzja moghtija skond il-ligi mill-Awtorita’ kompetenti u dan bi ksur ta’ Artikolu 3 tal-Att XXII ta’ l-1994 Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Generali mahrug ai termini tal-Artikolu 23(2) tal-Kap.376 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputat.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta’ Marzu 2002 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-30 ta’ April 2002 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-Bank Centrali ta’ Malta kien gibed l-attenzjoni tal-Pulizija dwar sentenza li inghatat mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn kien jirrizulta li l-imputat kien silef xi flus lil certu Domnic Cutajar. Il-Pulizija bdew l-investigazzjonijiet taghhom fejn kellmu lil dan Domnic Cutajar li qalilhom li kien issellef il-flus minghand l-imputat f’aktar minn okkazzjoni wahda u qalilhom ukoll li kien issellef is-somma ta’ Lm5,000 minghand l-imputat izda meta saret skrittura bejniethom gie mnizzel li huwa kien issellef is-somma ta’ Lm6,500 sabiex jigi kopert l-imghax li kellu jithallas lill-imputat. Meta l-Pulizija ghamlet tfittxija fir-residenza u fl-ufficcju tal-imputat li huwa

impurtatur u agent instabu xi notebooks b'notamenti ta' ismijiet u ammonti ta' flus hdejhom u dawn id-dokumenti gew debitament esebiti f'dawn l-atti.

L-imputat min-naha tieghu isostni li huwa minnu li huwa gieli sellef xi flus lil xi habib li kellu bzonn izda qal li l-ammont misluf lil Domnic Cutajar kien jirrapprezenta flus li huwa kien ghadda lil Cutajar li kien avvicinah sabiex jidhlu f'bicca negozju flimkien u qal li meta Cutajar naqas milli jhallsu parti sostanzjali mill-ammont misluf lilu huwa kien beda' proceduri civili kontra tieghu sabiex jirkupra dan l-ammont liema kawza civili kienet giet deciza favur tieghu mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u liema decizjoni giet debitament konfermata mill-Qorti tal-Appell (kopji tas-sentenzi relattivi jinsabu inseriti a fol. 75A sa 82). Dwar in-notamenti li nstabu fin-note books li gew esebiti in atti l-imputat qal li dawn kienu notamenti ta' ammonti dovuti lilu minn klijenti li kien ibieghilhom l-ispare parts waqt il-business tieghu ta' importatur tal-ispare parts u oggetti ohra.

Ikkunsidrat:

Illi l-unika prova ta' self ta' flus da parti tal-imputat migjuba mill-Prosekuzzjoni kien is-self tal-ammont ta' Lm6,500 lil Domnic Cutajar. Il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ohra li tista' titqies bhala prova lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien silef xi flus lil xi nies ohra. L-ispjegazzjoni minnu moghtija dwar in-notamenti fin-notebooks li gew esebiti in atti hija wahda plawzibbli u tista' titqies li hija prova sal-grad tal-probabbli li dawk in-notamenti effettivament kienu jirrigwardaw transazzjonijiet konnessi mal-business tieghu ta' importatur tal-ispare parts u oggetti ohra.

Il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tal-5 ta' Novembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Raymond Bajada' fejn il-Qorti tat is-segwenti interpretazzjoni ta' xi jfisser li wiehed jaghmilha ta' istituzzjoni finanzjarja:-

*"Il-ligi tiddefinixxi "istituzzjoni finanzjarja" fl-Artikolu 2 tal-Kap. 376. Qabel l-1 ta' Ottubru, 2002 din id-definizzjoni kienet taqra hekk:*

***" 'istituzzjoni finanzjarja' tfisser kull persuna li x-xoghol regolari jew kummerc regolari taghha huwa li twettaq: (a) xi wahda mill-attivitajiet elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, (b) kull attivita` ohra hekk stabbilita mill-Ministru b'ordni publikat fil-Gazzetta li jemenda l-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dak il-kummerc…"***

*Mill-1 ta' Ottubru, 2002 id-definizzjoni giet taqra hekk:*

***" 'istituzzjoni finanzjarja' tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb holdings jew twettaq xi attivita` mnizzla fl-Iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita'…".***

*L-ewwel attivita` li hemm imnizzla fl-Iskeda – u din l-Iskeda ma inbidlitx minn mindu giet fis-sehh il-ligi fl-1994 – hija dik ta' "self", evidentement self ta' flus.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn l-ewwel u t-tieni definizzjoni ta' "istituzzjoni finanzjarja" kien hemm biss spostament ta' enfazi: filwaqt li fid-definizzjoni ta' qabel l-1 ta' Ottubru, 2002 l-enfazi kienet fuq il-fatt li l-attivita` ta' self ta' flus kienet tkun ix-xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, regolari ta' dak li jkun (mhux neccessarjament, pero`, ix-xoghol jew kummerc principali), fit-tieni definizzjoni l-enfazi giet spustata ghall-"frekwenza" -- regolarita` jew abitwalita` -- li biha dak li jkun isellef flus, irrispettivament minn jekk dan isirx bhala xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc, ta' dak li jkun. Dak li certament il-legislatur ma riedx li jolqot, sia taht l-ewwel kif ukoll taht it-tieni definizzjoni, huwa lil min jislef il-flus lil haddiehor ghax darba kultant tigih l-okkazjoni li jaghmel hekk; il-legislatur ried, ghal kuntrarju, jolqot lil min jaghmel tali self b'dak il-mod u b'dik il-frekwenza li meta tarah tghid, bejnek u bejn ruhek, "dan sar qisu bank!" Fl-ahhar mill-*

*ahhar, ghalhekk, u fin-nuqqas ta’ definizzjoni aktar preciza da parti tal-legislatur, hu rimess ghall-buon sens tal-gudikant biex jara jekk dak li jkun wettaq l-imputat jammontax ghal kummerc ta’ istituzzjoni finanzjarja.”*

Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova li l-imputat kien qed isellef il-flus b’certu frekwenza jew alrimenti b’mod abitwali u regolari.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------